# Katina Karmelitana

Nru. 13 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Jannar - April 2011


## Il-Kelma t'Alla f'Ħajjitna

Nhar it-30 ta' Settembru li għadda, il-Papa Benedittu XVI ħareġ l-Eżortazzjoni Appostolika Postsinodali *Verbum Domini* (bil-Malti: "Il-Kelma tal-Mulej"). F'dan id-dokument il-Papa ġabar ir-riflessjonijiet li l-isqfijiet tad-dinja kollha qasmu bejniethom fis-sinodu dwar *il-Kelma t'Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja,* li sar fil-Vatikan f'Ottubru 2008. Wara li fis-Sinodu ta' l-2004 l-isqfijiet irriflettew fuq l-Ewkaristija, il-Papa ħass li fis-sinodu li kien imiss jixraq li jitrattaw il-Kelma t'Alla, li hi marbuta intimament mal-misteru qaddis tal-Ikla tal-Mulej. Fil-fatt, *hu bis-setgħa tal-Kelma ta' Ġesu* li l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tiegħu, u l-Knisja tibqa tiċċelebra l-Ikla mqaddsa matul iż-żminijiet sewwasew biex *tobdi l-Kelma ta' Ġesu*, li qalilna: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Ir-rabta intima li hemm bejn il-Kelma u l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej tidher ċara fir-rit tal-quddiesa nnifisha, li hu magħmul minn żewġ partijiet ewlenin: il-liturġija tal-Kelma u l-liturġija tal-Ewkaristija.



Flimkien mal-Ewkaristija, il-Kelma t'Alla għandha importanza kbira fil-ħajja tagħna l-Karmelitani. Ir-Regula tal-Ordni, mogħtija lill-ewwel Karmelitani minn S.Albert ta' Ġerusalemm, fin-numru 10 tgħid li l-Karmelitan għandu jimmedita l-liġi (jiġifieri "l-Kelma") tal-Mulej lejl u nhar. Ir-Regula tat-Terz'Ordni tadatta dan għal-lajċi Karmelitani meta fin-numru 39 tgħid: "Is-smiegħ tal-Kelma t'Alla fi





spirtu ta' talb u ubbidjenza għandu jitqies ta' siwi kbir: il-lectio divina (jiġifieri l-qari tal-Kotba Mqaddsa) tinvolvi l-eżistenza kollha tan-Nisrani u titrasformaha".

Bħala eżempji ta' disponibbilta għas-smiegħ tal-kelma t'Alla aħna l-Karmelitani nħarsu b'mod speċjali lejn il-Verġni Marija u lejn il-Profeta Elija. Ir-Regula tat-Terz'Ordni tirreferi għal dawn iż-żewġ figuri bħala għalliema li minnhom nitgħallmu nilqgħu il-Kelma t'Alla f'ħajjitna.

Kif ninsabu fil-bidu ta' sena ġdida, ejjew nilqgħu l-istedina li qiegħed jagħmlilna l-Papa biex nagħtu iktar spazju u iktar importanza lill-Kelma t'Alla fil-ħajja tagħna, billi nsibu iktar ħin biex naqrawha, nitgħallmu dwarha u nirriflettu fuqha. Nistgħu nibdew billi almenu nisimgħu il-qari tal-quddiesa b'iktar attenzjoni, u nibqgħu nixtarru xi kelma minnu matul il-ġurnata. Il-Kelma t'Alla tiswa ħafna biex tgħinna nikkoreġu l-ideat foloz li għandna ta' Alla u biex iddawwal il-mentalita, l-għażliet u l-imġieba tagħna. Il-Kelma t'Alla hi musbieħ għal riġlejna, u dawl fil-mogħdija tagħna. Nawguralkom li matul din is-sena l-ġdida tinfetħu iktar għaliha u tħalluha tmexxikom hi.

**P. Ivan M. Scicluna O.Carm**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Nixtiqilkom il-kumplament tas-sena t-tajba mimilija hena, barka u riżq. Nixtiequ naraw aktar membri fil-laqgħat ta' kull xahar u fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena. Huwa d-dmir tagħna li nattendu għal-laqgħat, nitolbu, nisimgħu l-quddiesa u ngħaddi xi ftit ħin adorazzjoni quddiem Ġesu Sagramentat.

Il-Madonna tberikna
**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Jannar - April

### Laqgħat Marjani

- **L-Erbgħa 5 ta' Jannar 2011**
- **L-Erbgħa 2 ta' Frar 2011**
- **L-Erbgħa 2 ta' Marzu 2011**
- **L-Erbgħa 6 t' April 2011**

Il-laqgħat jibdew fil-5.00pm fiċ-Ċentru Pastorali bir-reċita tar-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa. Nagħmlu ħilitna u nattendu.

### Avviżi

Nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, ser isir irtir ta' ġurnata għand il-membri Ulied Marija Ewkaristika f'Ħaż-Żebbuġ. Il-private titlaq mill-venda fid-8:45am u lura fit-3:30pm. Prezz €15 li jinkludi, te jew kafe, ikla ta' nofsinhar u transport.

Nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu ser isir irtir ta' nofs ta' nhar tar-Randan. Imexxi l-irtir P. Victor Paul Farrugia O.Carm. Il-private titlaq mill-venda fid-8:45am. Prezz €7 li jinkludi te jew kafe, sandwiches u transport.

### Adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu

Infakkarkom li kull l-aħħar ġimgħa tax-xahar issir siegħa adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu. Inħeġġiġkom biex tiġu u tqattgħu ftit ħin quddiem Ġesu Sagramentat.





## O Ġesu` Tiegħi



O Ġesu tiegħi,
tajjar minn moħħi u minn qalbi
kull inkwiet fuq l-imgħoddi,
kull tħassib fuq il-preżent u
kull biża fuq li ġej,
ħalli nkun nista nixtieq, dejjem u f'kollox,
ħaġa waħda biss:
li mmur kontra tiegħi innifsi
għall-imħabba tiegħek.

Nerħi għalhekk O Mulej
il-passat ikrah tiegħi għall ħniena kbira tiegħek;
il-preżent imħawwad tiegħi għall-imħabba infinita tiegħek;
il-futur misterjuż tiegħi għall-providenza qaddisa tiegħek.

*San Piju tal-Pjagi*